**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Il-Każ M.10894 BC PARTNERS / BAIN CAPITAL / FEDRIGONI)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 341/04)

1. Fis-26 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— BC Partners LLP ("BC Partners", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Bain Capital Investors, L.L.C. ("Bain Capital", ir-Renju Unit),

— Fedrigoni S.p.A. ("Fredigoni", l-Italja), ikkontrollata esklużivament minn Bain Capital.

BC Partners u Bain Capital beħsiebhom jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Fredigoni.

Il-konċentrazzjoni se ssir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— BC Partners: ditta internazzjonali ta' ekwità privata li l-unika attività tagħha hija li tipprovdi servizzi ta' konsulenza. Il-fondi mogħtija pariri minn BC Partners, inkluża BC Partners Management XI Limited li hija l-fond ta' BC Partners li għamel l-investiment fi Fredigoni, huma investituri finanzjarji puri, filwaqt li l-kumpaniji tal-portafoll tagħhom huma attivi fis-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-konsumatur u l-bejgħ bl-imnut fl-Ewropa u l-Amerka ta' Fuq,

— Bain Capital: ditta ta' investiment ta' ekwità privata li tinvesti, permezz tal-familja ta' fondi tagħha, f'kumpaniji f'għadd ta' pajjiżi u industriji, inklużi t-teknoloġija tal-informazzjoni, il-kura tas-saħħa, prodotti għall-konsumatur u għall-konsumatur, komunikazzjonijiet, servizzi finanzjarji u industrijali/manifattura,

— Fredigoni: il-manifattura u l-forniment ta' prodotti ta' karta speċjali u materjali awtoadeżivi għal applikazzjonijiet ta' imballaġġ kreattivi u lussużi, kif ukoll prodotti tal-kartolerija, madwar id-dinja.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10894 BC PARTNERS / BAIN CAPITAL / FEDRIGONI

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË